# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**(Av. Brandon Bonnici)**

**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**Clint Mercieca**

**Kumpilazzjoni Numru**: 71/24

**Illum, il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Clint Mercieca** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0286389M akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda,

u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè talli:-

F'xi ħin bejn id-disgħa ta' filgħodu (09:00) u l-għaxra (10:00) ta' filgħodu, fis-sbatax (17) ta' Novembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-istabbiliment *Miracle Foods* li qiegħed sitwat ġewwa Gwardamanġja u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' prodotti, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur**; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment *Miracle Foods* u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

*Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli, f'xi ħin bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00) fl-għoxrin (20) ta' Novembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-istabbiliment *Miracle Foods* li qiegħed sitwat ġewwa Gwardamanġja u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Ikkommetta serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment *Miracle Foods* u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli, f'xi ħin bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00) tas-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-istabbiliment *Miracle Foods* li qiegħed sitwat ġewwa l-Gzira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

3. Ikkommetta serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur** u **bil-ħin**; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment *Miracle Foods* u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

   *Artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli, f'xi ħin bejn nofsinhar (12:00) u s-siegħa ta' waranofsinhar (13:00) tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-istabbiliment *Miracle Foods* li qiegħed sitwat ġewwa Gwardamanġja u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Ikkommetta serq ta' prodotti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa sempliċi u dan sar għad-detriment tal-istabbiliment *Miracle Foods* u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli, f'xi ħin bejn nofsinhar (12:00) u s-siegħa ta' waranofsinhar (13:00) fit-tmientax (18) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-istabbiliment *Miracle Foods* li qiegħed sitwat ġewwa Gwardamanġja u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

5. Ikkommetta serq ta' prodotti, liema serq huwa sempliċi u dan sar għad-detriment ta' l-istabbiliment *Miracle Foods* u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

*Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli, f'xi ħin bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00) fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-istabbiliment *Miracle Foods* li qiegħed sitwat ġewwa Gwardamanġja u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

6. Ikkommetta serq ta' prodotti, liema serq huwa sempliċi u dan sar għad-detriment ta' l-istabbiliment *Miracle Foods* u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

*Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli:

7. Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif mghotija nhar it-18 ta' Settembru 2023, mill-Magistrat Dr C. Stafrace Zammit LL.D.

8. Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ppreżentati;

Rat l-eżami tal-imputat li wieġeb hati tal-akkużi kif dedotti kontrih u reġa' kkonferma tali ammissjoni qabel mal-Qorti ppronunzjat is-sentenza fil-konfront tal-istess imputat;

Rat illi l-imputat qed jiġi addebitat diversi serqiet minn stabbiliment *Miracle Foods* kif ukoll li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża kif ukoll ir-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet illi l-imputat għandu l-vizzju tad-droga li hija problema akuta li ma jistax jegħleb waħdu;

Tħoss illi f'dawn iċ-ċirkostanzi u peress li l-imputat qed jikser sentenza sospiża l-unika piena li tista' tagħti hija dik ta' priġunerija effettiva flimkien ma' opportunita' sabiex l-imputat jikseb l-għajnuna necessarja.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 15A, 18, 28B(1), 49, 50, 289, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 284, 285, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Clint Mercieca** ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih u a rigward l-akkużi wieħed (1) sas sitta (6) u t-tmien (8) akkużi tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija effettivi. A rigward is-sebgħa (7) akkuża l-Qorti tordna li s-sentenza sospiża datata 18 ta' Settembru 2023 mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta tibda fis-seħħ mid-data ta' din is-sentenza.

Inoltre u a bażi tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment u a bażi tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputat qed jiġi kkundannat għall-ħlas lura tal-flejjes ammontanti dak li ġie misruq mill-imputat.

------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**